



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Mejju 2008 (21.05)
(OR. en)**

9410/08

POLGEN 46

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	COREPER/Kunsill
Suġġett:	<i>Kunsill Ewropew (19 u 20 ta' Ġunju 2008) Abbozz ta' aġenda annotata</i>

Skond l-Artikolu 2(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Presidenza, għandu jħejji abbozz ta' aġenda annotata mill-anqas erba' ġimgħat qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Għaldaqstant il-Presidenza tippreżenta l-abbozz ta' aġenda annotata li ġejja, li tistabbilixxi l-punti prinċipali li hi tistenna lill-Kunsill Ewropew jindirizza fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2008. Il-ħidma fuq ħafna minn dawk il-kwistjonijiet inbdiet jew ser tinbeda f'qasir żmien u l-Presidenza ser tibbaża fuq l-eżitu ta' dik il-ħidma meta tkun qed tippreżenta l-abbozz ta' konklużjonijiet.

o
o o

Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ser tkun preċeduta minn preżentazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Hans-Gert Pöttering, segwita bi skambju ta' fehmiet.

Il-Prezidenza bi ħsiebha tiffoka l-aġenda tal-Kunsill Ewropew fuq il-punti li ġejjin:

I. TRATTAT TA' LISBONA

Il-Kunsill Ewropew ser jivverifika l-istat ta' ratifikazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona.

Il-Prezidenza ser tirrapporta dwar il-progress tal-ħidma preparatorja mmexxija skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007 biex jiġi żgurat il-funzjonament sħiħ tat-Trattat hekk kif dan jidħol fis-seħħ. Il-Kunsill Ewropew huwa mistenni jinnota l-progress li sar u biex jistieden lill-Prezidenza li ġejja tikkompleta l-ħidma sa tmiem is-sena.

II. LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Il-Kunsill Ewropew ser jivverifika l-progress miksub dwar ċerti dossierjs prinċipali fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u ser jagħti l-impetu meħtieġ biex jippermetti l-adozzjoni f'waqtha tagħhom.

III. IMPLIKAZZJONIJIET TA' POLITIKA FUQ PREZZIJIET GĦALJIN TA' L-IKEL

Il-Kunsill Ewropew ser jevalwa l-iżviluppi fir-rigward tal-prezzijiet ta' l-ikel dejjem oġġla u ser jiddiskuti l-implikazzjonijiet ta' politika għall-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali, inklużi l-konsegwenzi possibbli għall-politika ta' żvilupp, il-politika tal-kummerċ, il-politika agrikola komuni u l-enerġija/il-bidla fil-klima.

IV. KWISTJONIJIET EKONOMIĊI, SOĊJALI U AMBJENTALI

Fid-dawl tal-progress milħuq sa mil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza għadd limitat ferm ta' dossjers prinċipali relatati ma' l-Istrateġija ta' Lisbona.

V. IL-BALKANI TAL-PUNENT

Il-Kunsill Ewropew ser jivverifika l-istat ta' l-implimentazzjoni ta' l-Aġenda ta' Thessaloniki. Huwa mistenna jergħa' jikkonferma l-Perspettiva Ewropea għall-Balkani tal-Punent kif ukoll jindirizza għadd ta' dossjers u inizjattivi mmirati biex jappoġġaw l-iżvilupp politiku u ekonomiku fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni reċenti.

VI. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Il-Kunsill Ewropew ser jivverifika l-progress rigward l-implimentazzjoni ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u ser jagħti ħarsa lejn il-mezzi possibbli ta' aċċellerazzjoni ta' l-isforzi, kif maqbul f'Diċembru li għadda.

Minbarra d-dikjarazzjoni li hu adotta f'Marzu li għadda, il-Kunsill Ewropew ser jirrikorri għall-"Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran" bil-ħsieb tas-Summit li ser isir fit-13 ta' Lulju 2008.

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza wkoll it-titjib tad-dimensjoni tal-lvant tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet ta' azzjoni esterna oħrajn, fid-dawl ta' żviluppi internazzjonali.